MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 1946/2000/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Saviour Attard sija bil-polza u sija bil-ligi u b'nota datata 2 ta' Mejju 2003 s-socjeta' GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti kollha tal-kawza bhala attur minflok is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rappresentanza tas-socjeta' assikurattrici estera CGU Insurance plc – u l-istess Saviour Attard.**

**vs.**

**Alexander Sant.**

**Il-Qorti,**

## I. <u>PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta’ attrici datata 22 ta’ Settembru 2000 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem il-Qorti kif divversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi fl-20 ta’ April 1998, gewwa l-Ghadira, waqt li l-konvenut Alexander Sant kien qed isuq il-*crane* numru DAD 176, liema *crane* huwa propjeta’ ta’ Maghtab Construction Company Limited, huwa laqat u qaccat diversi *“high tension wires”* liema *“high tension wires”* waqghu u mblukkaw il-karreggjata tal-vettura numru KBA 741 misjuqa minn Helen Attard li b’konsegwenza ta’ dan tilfet il-kontroll tal-vettura u dahlet f’arbli tad-dawl tat-triq.

Illi l-vettura misjuqa minn Helen Attard hija propjeta’ ta’ l-assikurat tas-socjeta’ attrici Saviour Attard hija assikurata taht polza *‘comprehensive’* mas-socjeta` attrici.

Illi dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi *in vista* ta’ l-imsemmija polza is-socjeta’ attrici ghamlet tajjeb ghad-danni kagunati fil-karozza assikurata maghha.

Illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta’ attrici b’konsegwenza ta’ l-incident fuq imsemmi jammontaw ghal erbat elef, tliet mija u sitt liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm4,306.45) li jinkludu mija u hamsin liri Maltin (Lm150) imhallsa mill-assikurat tas-socjeta` attrici bhala *‘Excess’*, hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas permezz ta’ ittra ufficjali tas-7 ta’ Settembru 1999 huwa baqa’ inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ attrici u attur talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur.

2. Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ erbat elef, tliet mija u sitt liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm4,306.45) fuq imsemmi jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi.

3. Konsegwentament ma ghandux il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi *in linea* ta’ danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez komprizi ghaxar liri Maltin u hamsin centezmu (Lm10.50,) ta’ ittra u konsult, dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Settembru 1999, u dawk ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut *ai termini* tal**-Kap 104** li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur *noe* a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process inkluz ir-*road accident report* u l-iskizz tal-pulizija relattiv immarkati bhala Dok. “A” minn fol.5 sa 7 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R Micallef ghas-seduta tad-29 ta’ Novembru 2000.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta tad-29 ta’ Novembru 2000; u tal-1 ta’ Frar 2001.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Alexander Sant datata 21 ta’ Frar 2001 a fol. 14 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ewwel talba kif dedotta kontra l-eccipjenti ghandha tkun michuda *stante* li huwa ma huwiex responsabbli ghall-incident awtomobilistiku *de quo* liema incident sehh unikament minhabba imperizja, traskuragni

u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ Helen Attard.

2. Illi ghalhekk it-tieni talba ta’ l-attur ghandha tigi respinta u dan *stante* illi fejn jikkoncerna l-eccipjenti ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-atturi.

3. Illi per konsegwenza t-tielet talba attrici kontra l-eccipjenti ghandha tkun respinta billi ma hemmx lok ghall-kundanna ta’ l-eccipjenti ghall-hlas ta’ danni lill-atturi.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Alexander Sant a fol 15 u 16 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-14 ta’ Marzu 2001 (fol. 18) fejn dehru Dr.R Farrugia u Dr.A Demicoli ghall-partijiet. Inghata digriet ta’ l-affidavit lis-socjeta’ attrici sabiex fi zmien tletin jum jipprezentaw l-affidavit taghhom u tax-xhieda minnhom indikati bil-proceduta stabbilita fl-**artikolu 160 Kap 12**, bid-dokumenti kollha relattivi, liema affidavit u dokumenti ghandhom jigu notifikati lill-parti l-ohra jew lid-difensuri taghha u b’riseva tal-jedd ghall-kontro-ezami. Il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-3 ta’ Lulju 2001.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta tat-3 ta’ Lulju 2001 (fol 20) fejn dehret Dr Audrey Demicoli ghas-socjeta` attrici u Dr Ruben Farrugia ghall-konvenut. Il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici ghal hamsin gurnata. Ix-xhud Elena Attard debitament ngunta ghal din is-seduta baqghet ma dehritx u l-Qorti sabitha hatja ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u mmultatha Lm50 multa u ordnat il-hrug kontra taghha ta’ mandat ta’ skorta ghas-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghad-29 ta’ Novembru 2001.

Rat in-nota ta' l-attur datata 20 ta' Lulju 2001 a fol 22 tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavits ta' **Hugh P. Zammit.**

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti hekk attwament presjeduta tad-29 ta' Novembru 2001 a fol 34 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed **Alasder Forbes** prodott mill-attur. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghad-9 ta' April 2002; u tad-9 ta' April 2002 fejn dehret Dr Audrey Demicoli ghas-socjeta` attrici li talbet differiment. Il-kawza giet differita ghall-21 ta' Mejju 2002 biex tinstema' quddiem il-Qorti kif divversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna a fol 60 fejn dehret Dr Audrey Demicoli. Xehed **PC795 Joseph Debono** prodott mix-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghad-29 ta' Ottubru 2002 ghall-provi li baqa' tas-socjeta` attrici.

Rat ir-rikors ta' l-avukat Reuben B. Farrugia datat 10 ta' Settembru 2002 a fol 68 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra u dan bil-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xieraq. Il-Qorti kif divversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat n-notifika lill-kontro-parti fid-digriet taghha tas-16 ta' Settembru 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif divversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tad-29 ta' Ottubru 2002 a fol 73 tal-process fejn dehru Dr. M Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u Dr. D Farrugia ghas-socjeta` konvenuta. Dr. D Farrugia ghamlet referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Settembru 2002. Prezenti fl-Awla Helena Attard. Il-kawza giet differita ghat-3 ta' Marzu 2003 ghax-xhieda ta' Helena Attard u kontro-ezami ta' l-istess.
Rat l-avviz tal-Qorti kif divversament presjeduta tat-3 ta' Marzu 2003 (fol 74) fejn minhabba li l-Imhallef sedenti kien indispost il-kawza giet differita ghat-2 ta' Mejju 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif divversament presjeduta tat-2 ta’ Mejju 2003 (fol 75) fejn deher Dr. Michael Zammit Maempel ghall-atturi li prezenta nota ta’ l-assunzjoni ta’ l-atti. Xehdet **Elena Attard** prodotta mill-attur. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni u provi atturi ghall-10 ta’ Gunju 2003; tal-10 ta’ Gunju 2003 fejn deher Dr. M Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u deher il-konvenut assistit minn Dr. Reuben Farrugia. Xehed il-konvenut **Alexander Sant** (fol 85 sa 89) prodott mis-socjeta` attrici. Dr. M Zammit Maempel salv ghal kontestazzjoni tal-kwartin tad-danni ma kellux provi aktar. Il-kawza giet differita ghal provi konvenut li gie awtorizzat jipprezenta xhieda bl-affidavit ghall-24 ta’ Ottubru 2003; tal-24 ta’ Ottubru 2003; tas-16 ta’ Jannar 2004 (fol 95) fejn deher Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u Dr. Reuben Farrugia ghall-konvenut. Xehdet **WPC 33 M’Dolores Muscat** (fol 98), **Saviour Porter** (fol 100) li ukoll ipprezenta tliet dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok ‘SP1’, Dok ‘SP2’ u Dok ‘SP3’, u **Carmel Debono** (fol 96) Segretarju Esekuttiv Kunsill Lokali Mellieha, ilkoll prodotti mill-konvenut. Dino Castaldi debitament ingunt imsejjah baqa’ ma deherx u l-Qorti ordnat li ghas-seduta li jmiss jingieb bl-iskorta. Il-kawza giet differita ghal ezami tad-dokumenti ghat-3 ta’ Marzu 2004; tat-3 ta’ Marzu 2004 fejn deher Dr. M Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u Dr. Reuben Farrugia ghall-konvenut. Xehed **Dino Castaldi** prodott mill-konvenut (fol 114). Il-kawza giet differita ghas-16 ta’ April 2004; tas-16 ta’ April 2004 (fol 119) fejn deher Dr. Michael Ellul Sullivan li assocja ruhu ma’ Dr. Reuben Farrugia; tal-25 ta’ Mejju 2004; tas-7 ta’ Ottubru 2004 fejn deher Dr. Reuben Farrugia ghall-konvenut. Xehed **Eric Montfort** prodott mill-konvenut (fol 126). Ix-xhud Eric Montfort impenja ruhu li jidher ghas-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Novembru 2004 ghall-kontinwazzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif divversament presjeduta tad-9 ta’ Novembru 2004 a fol 127 tal-process fejn deher Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u Dr. Reuben Farrugia ghall-

konvenut. Ix-xhud Eric Montfort issejjah u baqa’ ma deherx minkejja li impenja ruhu li jidher u l-Qorti sabitu hati ta’ disprezz lejn l-awtorita` taghha u mmultatu Lm20 amenda u ordnat li jingieb bi skorta ghas-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghall-21 ta’ Jannar 2005; tal-21 ta’ Jannar 2005; tal-15 ta’ Marzu 2005 fejn deher Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici u Dr. Reuben Farrugia ghall-konvenut. Xehdu **Eric Montfort** (fol 134) u **Mario Sultana** (fol 136) prodotti mill-konvenut, u l-**iSpettur Simon Galea** (fol 143). Il-kawza giet differita ghat-13 ta’ Mejju 2005 ghall-kontinwazzjoni tax-xhieda tal-konvenut; tat-13 ta’ Mejju 2005; tal-4 ta’ Ottubru 2005 (fol 148) fejn deher Dr. Reuben Farrugia ghall-konvenut. Xehed **ex-PC795 Joseph Debono** (fol 149) prodott mill-konvenut. Dr. Farrugia *in vista* tax-xhieda moghtija rrinunzja ghax-xhud Anthony Camilleri u ddikjara li fadallu xhud wiehed biss. Il-kawza giet differita ghat-23 ta’ Novembru 2005 ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut; tat-23 ta’ Novembru 2005 (fol 156) fejn deher Dr. Michael Zammit Maempel u Dr. Michael Psaila ghas-socjeta` attrici u Dr. Reuben Farrugia ghall-konvenut. Dr. Farrugia pprezenta dikjarazzjoni mill-Inginier Ray Muscat bi skizz anness maghha li giet immarkata mill-Qorti bhala ‘RM’. Dr. Zammit Maempel irriserva ruhu f’dan ir-rigward. Id-difensuri qablu li l-vettura DAD-176 misjuqa mill-konvenut ma tirrikjedix licenzja specjali biex tintuza’ fit-triq u hi licenzjata biex tintuza’ liberament fit-triq. Il-kawza giet differita ghat-8 ta’ Frar 2006 ghall-gheluq tal-provi u trattazzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta tat-8 ta’ Frar 2006 a fol 159 tal-process fejn deher Dr. Reuben Farrugia ghall-konvenut. Is-socjeta` attrici u Dr. Michael Zammit Maempel issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Previa li jigi kkonfermat bil-gurament ic-certifikat tal-21 ta’ Novembru 2005 ta’ l-Inginier Ray Muscat, Dr. Farrugia ghall-konvenut iddikjara li ma kellux provi aktar. Il-Qorti tat zmien ghaxart ijiem lil Dr. Reuben Farrugia biex jaghmel dan u ddikjarat li l-provi tal-partijiet maghluqa. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ tletin jum lis-socjeta` attrici biex tipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifka lid-difensur tal-kontro-parti li kellu tletin

jum biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lis-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghall-finali tratazzjoni ghas-27 ta' April 2006.

Rat in-nota tal-konvenut Alexander Sant datata 13 ta' Frar 2006 a fol 160 li permezz taghha esebixxa affidavit u zewg dokumenti ta' l-Inginier **Ray Muscat**.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur ipprezentata fl-10 ta' Marzu 2006 a fol 164 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Alexander Sant ipprezentata fit-3 t' April 2006 a fol 167 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta tas-27 ta' April 2006 a fol 180 fejn deher Dr. Michael Zammit Maempel ghall-atturi u Dr. Reuben Farrugia ghall-konvenut. Id-difensuri trattaw il-kaz u talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jallegaw li fil-20 ta' April 1998, gewwa l-Ghadira, waqt li l-konvenut Alexander Sant kien qed isuq il-*crane* numru DAD 176, liema *crane* huwa propjeta' ta' Maghtab Construction Company Limited, huwa laqat u qaccat diversi *"high tension wires"* liema *"high tension wires"* waqghu u mblukkaw il-karreggjata tal-vettura numru KBA 741 misjuqa minn Helen Attard li b'konsegwenza ta' dan tilfet il-kontroll tal-vettura u dahlet f'arbli tad-dawl tat-triq u ghalhekk qed jitolbu li l-konvenut jigi ddikjarat responsabbli ghall-istess incident u ghall-konsegwenti danni kkawzati minhabba l-istess fil-vettura assikurata mas-socjeta' attrici.

Illi dan huwa konstestat mill-konvenut kemm fl-eccezzjonijiet tieghu u kemm fid-dikjarazzjoni tieghu annesa mac-citazzjoni attrici a fol. 15 tal-process fejn huwa bl-iktar mod kategoriku ghamilha cara li huwa ma kienx involut fl-istess incident la b'mod dirett u lanqas b'mod indirett u dan ghaliex ma kienx huwa li laqat u qaccat il-*wires* sovrastanti; jghid li l-incident gara minhabb li Helen Attard li kienet qed isuq il-vettura Reg. No. KBA – 741 tilfet il-kontroll tal-vettura taghha u baqghet diehla fl-arblu tad-dawl u jidher li b'konsegwenza ta' dan ingibdu arbli tad-dawl ohra.

Illi bhal ma' jigri f'kazijiet bhal dan fejn parti taghti versjoni u l-parti l-ohra taghti versjoni ohra il-gudikant ikun irid jimxi fuq dik il-versjoni li tkun giet ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi u dan anke b'korroborazzjoni u wkoll verosimiljanza tat-tezi u provi prodotti, u fil-fatt inghad kemm-il darba li l-verosimiljanza hija forma ohra ta' korroborazzjoni.

Illi din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti u thoss li s-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tipprova li l-incident sehh kif minnha allegat, haga li kien l-oneru taghha li taghmel, fil-waqt li min-naha l-ohra din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-konvenut hija hafna iktar kredibbli, verosimili u wkoll korroborata minn diversi provi prodotti f'din il-kawza kif ser jinghad iktar il-quddiem f'din is-sentenza.

Illi fil-fatt il-versjoni tal-konvenut hija li huwa kien qed isuq *crane* ta' 25 tunnellata gej mid-direzzjoni tac-Cirkewwa fil-bajja tal-Mellieha sejjer lejn id-direzjoni tal-Belt meta ra karozza gejja mid-direzzzjoni opposta, allura ghat-telgha, li tilfet il-kontrol tal-vettura taghha, tant li skidjat u habtet ma' arblu tad-dawl, u minhabba f'hekk gibdet maghha zewgt arbli tad-dawl ohra.

Illi dan huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta' Dino Ciscaldi li dak in-nhar ta' l-incident kien qed isuq trakk TAF tad-ditta Maghtab Construction Limited bit-*trailer* warajh u kien qed isuq quddiem il-*crane* li kien gwidat mill-konvenut. Jghid li ra l-karozza assigurata mis-socjeta' attrici gejja mill-Mellieha sejra lejn ic-Cirkewwa li kif waslet

fid-dawra tilfet il-kontrol u baqghet diehla gjo arblu li waqa' u b'konsegwenza ta' l-istess ingibdu zewg *poles* ohra minhabba l-gbid tal-*wires* imwahhla ma' l-istess arbli.

Illi dan huwa kkoroborat mir-rapport ta' l-incident li sar mill-pulizija fejn jinghad li:-

*"Whilst she was driving car No. KBA 741 make V/W Golf along Marfa Road from the direction of Mellieha towards Cirkewwa omn reaching opposite Da Tumas Restaurant she had a blackout she lost control of the car mounted the central strip went on the other side of the road against the one traffic and dashed into an electricity pole No 4 and through the impact another two poles collapsed to the ground".*

Illi din l-okkorenza giet ikkonfermata mix-xhieda ta' P. C. 795 Joseph Debono li minn naha tal-Pulizija nvestiga l-incident in kwistjoni u filwaqt li kkonfrma li l-istess rapport ta' l-incident u qal li rrizultalu li Elena Attard kienet gejja mill-Mellieha sejra lejn ic-Cirkewwa u l-konvenut li kien qed isuq *crane* kien gej mid-direzzjoni opposta u li kienet l-istess karozza li dahlet f'arblu tad-dawl u jghid ukoll li l-*crane* kien 'l boghod sew minn fejn kien hemm l-istess arbli bil-hsara fl-istess triq tant li jghid li dawn kienu il-fuq sew fl-istess triq, sahansitra l-fuq mir-*restaurant* bl-isem ta' Costa Del Sol.

Illi huwa veru li l-istess pulizja gie avvicat minn ingliz li allegatament inzerta fuq il-post ta' l-incident fejn dan allega li waqt li huwa kien miexi fit-triq huwa sema' hoss u jghid li ra *crane* li skond huwa qabad mal-*cables* li kienu fl-gholi fl-istess triq bil-konsegwenza li dawn gibdu tlett arbli u li wiehed minn dawn l-arbli laqat il-karozza misjuqa minn din Attard, u fil-fatt dan l-ingliz kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija ittra datata 20 ta' April 1998 li tinsab esebitia bhala Dok. "HPZ 7 a fol. 30 (Dok. "FB 1" – fol. 36 tal-process. Dwar dan is-socjeta' assiguratrici kitbet ittra lill-Kummissarju datat 7 ta' Mejju 1998 – Dok. "HPZ 8" – fol. 31 tal-process. Illi pero' meta huwa xehed quddiem din il-Qorti kif presjeduta ghalkemm huwa fl-ittra li baghat lill-Kummissarju tal-Pulizija huwa jghid li *"I observed a large*

*crane type vehicle coming down the hill having caught an overhead steel cable….”* fix-xhieda *viva voce* tieghu huwa ma jghidx hekk izda biss li *‘I heard the unmistakable sound of an overhead cable being caught by a vehicle…..”*

Illi fl-istess xhieda huwa mbaghad jghid hekk:-

*“Court: You saw this crane actually, actually pulling at the cables?”*

*“Witness: Yes”*

*“Court: You actually saw it?”*

*“Witness: I saw  the two vehicles passing and therefore it must have been the higher on which caught”.*

Illi din il-Qorti thoss li meta hija semmet lill-istess xhud, li ma hijiex konvinta li dan ix-xhud attwalment ra dak li allega li ra; anzi jidher li qed jippresumi hafna affarijiet tant li iktar ‘il quddiem fl-istess xhieda fuq mistoqsija tad-difensur tal-konvenut qal hekk:

*“Dr. Farrugia: Yes, we agree that you’ve seen two vehicles, and there is no doubt there were two vehicles in the area. But you heard the sound of a cable being caught or stretched, of a cable being streched, but in actual fact you did not see any of these heavy vehicles getting hold of the cable”*

*“Witness: Not that point….”*

Illi dawn irendu l-istess versjoni ta’ l-imsemmi Alasder Forbes mhux konvincenti u lanqas kredibbli u hawn issir riferenza ghall-parti ohra ta’ l-istess xhieda ta’ l-imsemmi xhud a fol. 48 tal-process fejn inqraw lix-xhud brani mill-ittra tieghu stess li jindikaw li mhux minnu li ra dak allegat minnu; f’dan is-sens din il-Qorti taqbel ma’ l-osservazjonijiet li ghamel il-konvenut fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu datata 3 ta’ April 2006 anke dwar l-istess xhud; apparti dan il-verjsoni tieghu hija kontradetta mix-xhieda kollha l-ohra fil-kawza, u bl-ebda mod ma’ giet

ikkorroborata, anzi giet kontradetta mix-xhieda kollha tal-konvenut u wkoll mir-rapport tal-pulizija u wkoll minn xhieda ohra li xehdu f'din il-kawza ndikati wkoll f'din id-decizjoni.

Illi hekk Mario Sultana, *Technical Officer* ta' l-Enemalta kkonferma li fid-data ta' l-incident kien hemm arbli f'nofs it-triq u *cables* ghaddejjin minn fuqhom, fuq l-arbli f'nofs it-triq - li jidher li jissejhu *"cross over cables"* u huwa qal li l-istess *cables* ikunu l-fuq minn 17-il pied mill-livell tat-triq peress li l-arblu jkun fih 32 pied u jkollhom 5 piedi minnhom taht l-art, mentri l-*cable* ikun imwahhal ma' fuq jew il-quccata ta' l-istess arblu. Jikkonferma li l-livell normali jaccedi 17-il pied u hekk kienu l-arbli involuti fl-istess inhawi; minhabba l-gholi ta' tali *cables* jistghu jghaddu minn tahthom bla ebda diffikolta' kull xorta ta' vettura inkluzi *cranes*, vetturi ta' kostruzzjoni u ohrajn. Fuq l-incident in kwistjoni huwa qal hekk fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Marzu 2005:-

*"Jiena fl-20 ta' April niftakar kienu xi l-erbgha nieqes kwart ircevejt telefonata jekk mhux sejjer zball mid-Depot tal-Pulizija, kien hemm xi arbli fl-art u li meta nzilt l-Ghadira sibt karozza go arblu, habtet karozza go arblu u peress li waqghet dan l-arblu, waqghu zewg arbli ohra maghhom peressli jkunu bil-linji minn fuq mad-daqqa nizlu t-tnejn".*

Illi fl-istess seduta l-istess xhud qal hekk:

*"Qorti: Meta inti mort fuq il-post u rajt dawn l-arbli fl-art, x'fhimt ?"*

*"Xhud: Li karozza dahlet gol-arblu. Mad-daqqa dan l-arblu tghawweg u waqa' u peress li kien qed jiehu bl-overhead lines, il-linji gibdu arbli ohra maghhom".*

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll ghad-dikjarazzjoni ta' l-Inginier Ray Muscat fejn jindika li tali cranes hemm indikati kif deskritti f'Dok. "RM" a fol. 157 u 158 tal-process ghandhom gholi ta' 11'11'' mill-art.

Illi mhux hekk biss izda l-istess Elena Attard meta xehdet fit-2 ta' Mejju 2003 lanqas tat spjegazzjoni ta' kif gara l-incident izda qalet li rat dawl qawwi, li ma kenitx ix-xemx u rat li kienet diehla f'arblu u ppruvat tevitah izda ma rnexxilhiex. Tghid car u tond li hija ma intilfitx minn sensiha pero' ghal xi hin ma kenitx qed tara u allura x'gara ezatt ma tistax tghid, ghalkemm qablet ma' l-iskizz u li hija spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq. L-istess xhud fl-istess disposizzjoni taghha ta' l-istess data ikkonfermat li kienet hija li habtet u waqghet l-arblu, (wiehed jista' wkoll jirreferi ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut fuq dan il-punt), tant li qalet hekk a fol. 81 tal-process:-

*"Avukat: Rigward l-arblu tad-dawl, inti x'rajt?"*

*"Xhud: Le waqqajt zewgt arbli u t-tielet wiehed kien qed jiccaqqlaq….."*

Illi dan kollu sar minghajr ma' hija rreferiet ghal dak li gie indikat li qalet lill-ufficjal tal-pulizija *a tempo vergine* meta dan kien qed jinvestiga l-incident fejn fl-istess okkorrenza jirrizulta li hija ammettiet li kienet hija li dahlet fl-imsemmija arbli ghaliex tilfet il-kontrol tal-vettura taghha u b'hekk ikkawzat id-danni hija stess fil-karozza taghha u fl-istess arbli – hemm dikjarazzjoni wkoll ta' missier l-istess sewwieqa, Saviour Attard, li hija kienet ser taghmel tajjeb ghall-hsara kollha kkawzata fl-istess incident.

Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li l-kawza prossima ta' l-istess incident kien bla dubju s-sewqan traskurat ta' l-imsemmija Elena Attard li kienet qed issuq il-vettura Reg. No. KBA – 741 b'manjiera traskurata, b'negligenza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u kien ghalhekk li tilfet il-kontrol tal-vettura taghha u baqghet diehla fl-arblu tad-dawl bil-konsegwenzi fuq indikati, b'dan li gie ppruvat ukoll li l-konvenut ma kellu ebda responsabbilta' fl-istess incident.

Illi dan huwa wkoll ibbazat fuq dak li gie ritenut fis-sentenzi **" Hugh Zammit noe et vs Keith Farrugia"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) u **"Emmanuel Genovese vs Mario Borg"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2000) u

**“Jesmond Bonello vs Giulio Baldaccchino”** (A.C. 15 ta’ Jannar 1997) fejn gie kkonfermat li f’materja ta’ responsabbilta’ ta’ incident wiehed ghandhu dejjem ihares fuq il-kawza prossima ta’ l-incident u dan b’riferenza ghall-obbligi tas-sewwieqa u r-regolamenti li ghandhom jobdu. Jidher car li f’dan il-kaz l-imsemmija Elena Attard ma kenitx prudenti fis-sewqan taghha, kienet traskurata tant li baqghet ma setghatx lanqas taghti spjegazzjoni ghaliex tilfet il-kontroll tal-vettura, b’dan li bl-ebda mod ma jista’ jinghad li hija tat xi gustifikazzjoni plawsibbli ghal dan is-sewqan traskurat taghha.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------